MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 17/1999/2

Id-Direttur Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali

vs

George Cremona

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ George Cremona tal-15 ta’ Gunju 1999 ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili, li jghid:

“ Illi permezz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi r-rikorrenti gie mitlub mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali sabiex ihallas is-somma ta’ seba’ mija u erbghaa u tletin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm734.43) allegatament dovuti bhala rifuzjoni fuq il-post numru wiehed (1) Triq il-Karita, Victoria, Ghawdex, ghall-perjodu mill-15 ta’ Marzu 1991 sat-30 ta’

Settembru 1995. Din it-talba saret sabiex l-istess talba jkollha l-effett ta' gudikat u dan kif hemm provdut fil-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili kif emendat;

Illi din l-ittra ufficjali ma hix proceduralment korretta u dan ghaliex ma gietx specifikata l-kompetenza ta' din il-Qorti u ghal ragunijiet ohra kif jigu spjegati fid-dettal;

Illi inoltre l-esponenti qieghed jikkontesta illi huwa dovut xi hlas kif mitlub f'dik l-ittra.

Id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali m'aggixxiex fit-termini stabbiliti bil-ligi;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa dan ir-rikors ghas-smiegh u dan kif hemm pprovdut fl-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili".

Rat il-kopja tal-ittra ufficjali su citata mibghuta mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u datata 10 ta' Gunju 1999 (folio 2);

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ghal fini tat-talba skond l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (folio 3);

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn appuntat is-smiegh tar-rikors ghal 21 ta' Ottubru 1999 (folio 5);

Rat ir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali a folio 10 li jghid:

- illi l-Gvern ghandu privilegg kostanti li jistitwixxi kawza fis-Sede Superjuri tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, irrispettivament mill-ammont involut;

- illi jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed jasal biex jammetti li l-ittra ufficjali ta' l-esponenti hija proceduralment mhix korretta, dan in-nuqqas jista' facilment jigi sanat per meritu ta' l-Artikolu 175 tal-Kap 12;

- illi l-hlas huwa dovut kif gie spjegat fl-ittra ufficjali mibghuta lill-intimat rikorrent;

- illi inoltre l-esponent agixxa fit-termini stabbiliti mil-ligi.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament preseduta (folio 14) fejn ir-rikors baqa’ differit sabiex id-Direttur intimat “jirregola ruhu dwar l-ghazla ta’ kompetenza”;

Rat il-verbal a folio 16 fejn hu registrat li “b’referenza ghall-verbal precedenti, fol.14, Dr Hubert Theuma informa l-Qorti li d-Direttur intimat sejjer jipprocedi bl-azzjoni tieghu fis-sede inferjuri”;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluzi n-noti rispettivi tal-osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Il-proceduri odjerni ghandhom il-fundament taghhom fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 liema artikolu jittratta procedimenti ghall-hlas ta’ krediti tal-Gvern. Huwa moghti lil kull kap ta’ dipartiment tal-Gvern li jrid jagixxi ghall-hlas ta’ kreditu dwar kull servizz, provvista, kera, dritt ta’ licenzja jew dritt jew taxxa ohra, li prevja dikjarazzjoni guramentata tieghu li fiha jispjega x-xorta tad-debitu, jesigi l-hlas minghand id-debitur. Din id-dikjarazzjoni jehtieg li tigi notifikata lid-debitur permezz ta’ att gudizzjarju u tigi meqjusa bhala gudikat kemm-il darba d-debitur ma jikkontestax it-talba permezz ta’ rikors fi zmien ghoxrin jum min-notifika lilu tal-imsemmija dikjarazzjoni.

Illi mid-dikjarazzjoni, li kopja taghha tinsab folio 3, il-Kap tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali talab il-hlas tas-somma ta’ Lm734.43 import ta’ rifuzjoni li jirritjeni giet dovuta mid-debitur, ir-rikorrenti, fuq il-post numru 1, Charity Street, Victoria, Ghawdex, ghall-perjodu 15 ta’

Marzu 1991 sat-30 ta' Settembru 1995 ossija r-rifuzjoni tas-sussidju fuq imghax fuq self li kien ottjena r-rikorrenti.

Illi intant jirrizulta li t-termini previsti fl-artikolu in disamina gew rispettati mid-debitur rikorrent li ntavola r-rikors, meritu dawn il-proceduri, li bih oppona t-talba bhala wahda nfondata.

Illi mill-provi in atti jirrizulta li r-rifuzjoni mitluba mid-dipartiment tirreferi ghal sussidju ta' imghax fuq self li kien staqsa r-rikorrent u gie accettat mid-dipartiment. Fil-fatt jirrizulta li r-rikorrenti kien isufruwixxa ruhu mill-Iskema HD 14, li kopja taghha tinsab esebita folio 21 et seq, u ottjena s-sussidju wara verifiki li saru mid-dipartiment, fosthom li l-proprjeta' dwar liema r-rikorrenti kien qieghed jitlob sussidju kienet tiswa mhux izjed minn Lm18,000.

Illi tajjeb jigi hawnhekk puntwalizzat li t-talba tar-rikorrenti kienet ghal sussidju fuq l-imghax ta' self ta' Lm11,000 li r-rikorrent kien ottjena mil-Lohombus Corportation sabiex jaghmel alterazzjonijiet fuq dar qadima bl-indirizz numru 41, Triq il-Karita', Victoria, Ghawdex li kienet ipperveniet lilu b'wirt. Dan kien fl-14 ta' Frar 1991. Sussegwentement ir-rikorrenti, u precizament fit-27 ta' Gunju 1992, jigifieri cirka sena u erba' xhur wara, kien rega' applika ghal self iehor din id-darba ghas-somma ta' Lm7,000 li l-Lohombus Corporation kienet wkoll approvat izda li dwarha kienet l-istess Korporazzjoni kitbet lid-dipartiment tghidlu biex thassar r-rikorrenti mill-Iskema tas-sussidju tal-imghax stante li hawnhekk kien irrizulta li l-fond fuq liema gie mitlub is-self kien issa ssupera l-valur ta' Lm18,000 (l-ittra annessa folio 29 tirreferi).

Illi ghalhekk sa hawnhekk l-posizzjoni kienet li r-rikorrent kien l-ewwel talab u ottjena self ta' Lm11,000 li kien approvat taht l-Iskema HD 14 jigifieri b'rata ta' imghax issussidjat u dana billi l-proprjeta' fiz-zmien tal-applikazzjoni tas-self ma kinitx tiswa aktar minn Lm18,000, u sussegwentement cirka sena u erba' xhur wara l-istess rikorrent kien rega' applika u ottjena self iehor ta' Lm7,000 li din id-darba, ghalkemm ukoll approvat, ma kienx inghata taht l-istess skema ta'

sussidju, billi l-proprjeta’ hawnhekk kienet issuperat l-ammont ta’ Lm18,000 bhala valur verosimilment minhabba x-xoghol li kien sar fuqha per konsegwenza ta’ l-ewwel self.

Illi konsegwentement u fil-fehma ta’ din il-Qorti l-posizzjoni ghandha tkun, u l-Qorti tirritjeni li kellha tkun cara hekk mill-bidu, illi hu t-tieni self li ghandu jibqa’ estromess mis-sussidju izda mhux ukoll l-ewwel li kien allura ssodisfa l-kriterji kollha tal-iskema ghas-sodisfazzjon tad-dipartiment intimat.

Illi in tema legali din il-Qorti mhux qeghdha tara illi l-kwistjoni titratta azzjoni ‘de in rem verso’ izda li ghandha l-fattizzi taghha fil-kwazi-kuntratt fejn id-dipartiment assuma obbligazzjoni lejn ir-rikorrent.

Illi ghalhekk il-kwistjoni tirrisolvi ruha filli jekk jirrizulta li kien hemm sussidju oltre dak li nghata fir-rigward is-self ta’ Lm11,000 dan ghandu jigi rifuz mir-rikorrenti pero’ biss u jekk dan effettivament jirrizulta. Mid-dokumenti in atti mhux possibbli li l-Qorti taghmel dan l-ezercizzju hi li kien jehtieg da parti tad-dipartiment prospett dettaljat dwar jekk xi ammont huwa dovut.

Tiddisponi ghalhekk mir-rikors billi tiddikjara lir-rikorrenti debitur f’dik is-somma li tirrizulta dovuta, jekk il-kaz, fuq xi sussidju li talvolta seta’ ibbenefika r-rikorrenti fuq it-tieni self.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------